

31999L0071

L 194/36

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

27.7.1999

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 1999/71/KE

ta' l-14 ta' Lulju 1999

li temenda l-Annessi tad-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE dwar l-iffissar ta' livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi fi u fuq ċereali (¹), oġġetti ta' l-ikel li joriġinaw mill-animali u xi prodotti li joriġinaw mill-pjanti, inklużi frott u ħaxix rispettivament

(Test b'rilevanza għall-KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar ta' livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi fi u fuq ċereali (¹), kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/65/KE (²), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkonsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/363/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar ta' livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi fi u fuq oġġetti ta' l-ikel li joriġinaw mill-animali (³), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 98/82/KE (⁴), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkonsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 ta' Novembru 1990 dwar l-iffissar ta' l- livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi fi u fuq prodotti li joriġinaw mill-pjanti, inklużi frott u ħaxix (⁵), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 1999/65/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Wara li kkonsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (⁶), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 99/1/KE (⁷), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) (f) tagħha,

(1) Billi s-sustanza attiva ġdida, azoxystrobin, kienet inkluża fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE bid-Direttiva tal-Kummissjoni 98/47/KE (⁸) għall-użu bħala funguċida biss, bla ma kienu speċifikati xi kondizzjonijiet partikolari li jkollhom impatt fuq uċuħ li jistgħu jiġu trattati bi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom l-azoxystrobin;

(2) Billi l-inklużjoni msemmija fl-Anness I kienet bażata fuq stima ta' l-informazzjoni li nġatad dwar l-użu propost ta' funguċida f'ċereali u dwieli; billi ntbagħtet informazzjoni minn xi Stati Membri dwar l-użi fuq ċereali, dwieli u l-banana skond il-ħtiġiet ta' l-Artikolu 4(1) (f) tad-Direttiva 91/414/KEE; billi l-informazzjoni disponibbli ġiet riveduta u hi biżżejjed biex jistgħu jiġu ffixsati xi livelli massimi ta' residwi;

(3) Billi ma jeżistu ebda livelli massimi ta' residwi jew MRL provviżorji fil-Komunità l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu livell massimu nazzjonali ta' residwi fil-

Komunità skond l-Artikolu 4(1) (f) tad-Direttiva 91/414/KEE qabel ma tkun tista' tingħata l-awtorizzazzjoni;

(4) Billi ġo l-inklużjoni fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE l-evalwazzjoni teknika u xjentifika kienet finalizzata fit-22 ta' April 1998 fil-format tar-rapport ta' revizzjoni tal-Kummissjoni għall-azoxystrobin; billi f'dan ir-rapport ta' revizzjoni id-doġa aċċettabbli ta' kuljum (ADI) ta' azoxystrobin kienet iffissata għal 0.1 mg/kg bw/kuljum; billi matul haġja sħiħa l-esponiment tal-konsumaturi għal prodotti ta' l-ikel li jkun trattati bl-azoxystrobin ġie stmat u evalwat skond il-proċeduri u prattiċi fil-Komunità Ewropea, fil-ħarsien ta' linji ta' gwida pubblikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (⁹) u ġie kalkolat li l-livelli massimi ta' residwi ffixsati f'din id-Direttiva ma johlqux dubji dwar l-eċċedenza ta' dan l-ADI;

(5) Billi effetti tossiċi akuti li jinħtieġu l-iffissar ta' doża akuta ta' referenza ma ġewx innutati waqt l-evalwazzjoni u d-diskussjoni ta' qabel l-inklużjoni ta' azoxystrobin fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE;

(6) Billi għal xi prodotti agricoli l-kondizzjonijiet dwar l-użu ta' l-azoxystrobin ġĠ ġew imfissra b'mod li jippermetti li jkun stabbiliti livelli massimi definittivi ta' residwi;

(7) Billi biex jiġi żgurat li l-konsumatur ikun imhars biżżejjed mill-esponiment għal residwi fi jew fuq prodotti li dwarhom ma nġatawx awtorizzazzjonijiet, ikun prudenti li jiġu ffixsati livelli massimi ta' residwi provviżorji fil-limitu l-baxx ta' determinazzjoni analitika għal dawk il-prodotti kollha koperti bid-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE; billi l-iffissar flivell ta' Komunità ta' livelli massimi ta' residwi provviżorji ma jżommx lill-Istati Membri milli jstabbilixxu livelli massimi ta' residwi għall-azoxystrobin skond l-Artikolu 4(1) (f) tad-Direttiva 91/41/KEE u skond l-Anness VI tad-Direttiva 91/414/KEE b'mod partikolari l-parti B, Taqsima 2.4.2.3 ta' dan l-Anness, billi erba' snin huwa kunsidrat perjodu biżżejjed li matulu jistgħu jiġu stabbiliti l-biċċa l-kbira ta' użi oħra ta' l-azoxystrobin; billi wara dak il-perjodu dawn il-livelli massimi ta' residwi provviżorji għandhom ikunu definittivi;

(¹) ĠU L 221, 7.8.1986, p. 37.

(²) ĠU L 172, 8.7.1999, p. 40.

(³) ĠU L 221, 7.8.1986, p. 43.

(⁴) ĠU L 290, 29.10.1998, p. 25.

(⁵) ĠU L 350, 14.12.1990, p. 71.

(⁶) ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.

(⁷) ĠU L 21, 21.1.1999, p. 21.

(⁸) ĠU L 191, 7.7.1998, p. 50.

(⁹) Linji ta' gwida biex tingħad minn qabel id-doża minn dieti ta' residwi ta' pestiċidi (riveduti), ippreparati mill-GEMS/programm dwar l-ikel f'kollaborazzjoni mal-Kumitat tal-Codex dwar Residwi ta' Pestiċidi, pubblikat mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa 1997 (WHO/FSF/FOS/97.7).

- (8) Billi s-sieħba fil-kummerċ tal-Komunità ġew ikkonsultati dwar il-livelli preskritti f'din id-Direttiva permezz ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u l-kummenti tagħhom dwar dawn il-livelli ġew ikkonsidrati; billi l-possibiltà li jkunu f'fissati livelli massimi ta' residwi f'dik li hi tolleranza fuq importazzjonijiet għal taħlitiet speċifiċi ta' pestiċidi/uċuħ se tkun eżaminata mill-Kummissjoni fuq il-bażi tas-sottomissjoni ta' data aċċettabbli;
- (9) Billi l-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku għall-Pjanti, b'mod partikolari l-pariri u r-rakkomandazzjonijiet dwar il-ħarsien tal-konsumaturi ta' prodotti ta' l-ikel trattati bil-pestiċidi, ġew ikkonsidrati,
- (10) Billi din id-Direttiva hi skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA

Artikolu 1

Ir-residwi ta' pestiċidi li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-parti A ta' l-Anness II tad-Direttiva 86/362/KEE:

Residwu ta' pestiċidi	Livell massimu fmg/kg
Azoxystrobin	0,3 qamħ, segala, tritcale, xgħir 0,05 (p) (*), ċereali oħra

(*) Jindika l-limitu l-baxx ta' determinazzjoni analitika.

(p) Jindika livell massimu ta' residwi provviżorju

Artikolu 2

Ir-residwi ta' pestiċidi li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-parti B tad-Direttiva 86/363/KEE:

Residwu ta' pestiċidi	Livell massimu fmg/kg
Azoxystrobin	0,01 (*) Ħalib 0,05 (*), Prodotti oħra li jorġinaw mill-annimal

(*) Jindika l-limitu l-baxx ta' determinazzjoni analitika

Artikolu 3

Ir-residwi ta' pestiċidi li ġejjin għandhom jiżdiedu ma' l-Anness II tad-Direttiva 90/642/KEE:

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw livelli massimi ta' residwi	Residwi ta' pestiċidi u livelli massimi (mg/kg)
	Azoxystrobin
1. Frott, frisk, innixxef jew mhux imsajjar, priservat permezz ta' friżar, bla ma fih zokkor miżjud, ġewż	
i) FROTT TAĊ-ĊITRU	0,05 (p) (*)
Grejpfrut	
Lumi	
Lajm	
Mandolin (inklużi klementini u ibridi oħra)	

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw livelli massimi ta' residwi	Residwi ta' pestiċidi u livelli massimi (mg/kg)
	Azoxystrobin
Larinġ	
Pomelos	
Oħrajn	
ii) ĠEWŻ TAS-SIĠAR (bil-qoxra jew mingħajr qoxra)	0,1 (p) (*)
Lewż	
Ġewż tal-Brażil	
Ġewż ta' l-anakardju	
Qastan	
Ġewż ta' l-Indi	
Ġellewż	
Ġewż ta' Macadamia	
Ġewż Amerikan	
Ġewż ta' l-arżnu	
Pistaċċi	
Ġewż	
Oħrajn	
iii) FROTT POME	0,05 (p) (*)
Tuffiegħ	
Laṅgas	
Sfarġel	
Oħrajn	
iv) FROTT BL-GĦADMA	0,05 (p) (*)
Berquq	
Ġirasa	
Ħawħ (inklużi nuċiprisk u ibridi bħal dawn)	
Ġhanbaqar	
Oħrajn	
v) BERRIES U FROTT IRQIQ	
a) Għeneb għall-ikel u għall-inbid	2
Għeneb tal-mejda	
Għeneb għall-inbid	

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw livelli massimi ta' residwi	Residwi ta' pestiċidi u livelli massimi (mg/kg)
	Azoxystrobin
b) Frawli (ħlief dak selvaġġ)	0,05 (p) (*)
c) Frott tal-kannamieli (ħlief dak selvaġġ)	0,05 (p) (*)
Tut	
Ċawsli iswed	
Loganberries	
Lampun	
Oħrajn	
d) Frott irqiq ieħor u berries (ħlief selvaġġ)	0,05 (p) (*)
Mirtill (frott ta' l-ispeċi Vaccinium Myrtillus)	
Cranberries	
Passolina (ħamra, sewda u bajda)	
Gooseberries	
Oħrajn	
e) Berries u frott selvaġġ	0,05 (p) (*)
vi) OĦRAJN	
Avocados	
Banana	0,1
Tamal	
Tin	
Kiwi	
Kumkwat	
Litchis	
Mangoes	
Żebbuġ	
Frott tal-fjuri tal-Passjoni	
Ananas	
Rummien	
Oħrajn	0,05 (p) (*)
2. Ħaxix, frisk jew mhux imsajjar, iffriżat jew niexef	0,05 (p) (*)
i) ĦXEJJEX TA' GĦERUQ U TUBERI	
Pitravi	
Karrotti	
Krafes	

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw livelli massimi ta' residwi	Residwi ta' pestiċidi u livelli massimi (mg/kg)
	Azoxystrobin
Horseradish	
Artiċokk	
Zunnarija bajda	
Tursin	
Ravanell	
Sassefrika	
Patata ħelwa	
Swedes	
Turnips	
Jam	
Oħrajn	
ii) BASAL TAL-ĦAXIX	
Tewm	
Basal	
Xalotti	
Spring onions	
Oħrajn	
iii) ĦAXIX FROTT	
a) Solanacea	
Tadam	
Bżar	
Brunġiel	
Oħrajn	
b) Cucurbits Qoxra tittiekel	
Ħjar	
Ħjar żgħir	
Zukkini	
Oħrajn	

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw livelli massimi ta' residwi	Residwi ta' pestiċidi u livelli massimi (mg/kg)
	Azoxystrobin
c) Cucurbits Qoxra ma tittikielx	
Bettiegħ	
Kukurbiti	
Dulliegħ	
Oħrajn	
d) Sweet corn	
iv) ĦAXIX TAL-BRASSICA	
a) Brassica fil-fjur	
Brokkli	
Pastard	
Oħrajn	
b) Ras brassica	
Kaboċċi zġhar (Brussels sprouts)	
Ras kaboċċi	
Oħrajn	
c) Brassica bil-weraq	
Kaboċċa Ċiniża	
Kaboċċi (Kale)	
Oħrajn	
d) Ġidra	
v) ĦAXIX FRISK BIL-WERAQ	
a) Ħass u ħass	
Krexxuni	
Lamb's lettuce	
Ħass	
Scarole	
Oħrajn	
b) Spinaċi u oħrajn simili	
Spinaċi	
Weraq tal-pitravi (chard)	
Oħrajn	

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw livelli massimi ta' residwi	Residwi ta' pestiċidi u livelli massimi (mg/kg)
	Azoxystrobin
c) Krexxun ta' l-ilma cress	
d) Witloof	
e) Haxixa (Herbs)	
Maxxita	
Kurrat selvaġġ	
Tursin	
Weraq tal-karfus	
Oħrajn	
vi) ĦAXIX LEGUMINUŻ (frisk)	
Fażola (fil-miżwed)	
Fażola (bla miżwed)	
Piżelli (fil-miżwed)	
Piżelli (bla miżwed)	
Oħrajn	
vii) ĦAXIX TAZ-ZOKK (Frisk)	
Asparagu	
Kurdun	
Karfus	
Bużbież	
Qaqoċċ	
Kurrat	
Rabarbru	
Oħrajn	
viii) FUNGI	
a) Faqqiegħ ikkultivat	
b) Faqqiegħ selvaġġ	
3. Żrieragħ tal-legumi	0,05 (p) (*)
Fażola	
Għads	
Piżelli	
Oħrajn	

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw livelli massimi ta' residwi	Residwi ta' pestiċidi u livelli massimi (mg/kg)
	Azoxystrobin
4. Żrieragħ taż-żejt	0,05 (p) (*)
Żerriegħa tal-kittien	
Karawett	
Żrieragħ tal-peprin	
Ġulġlien	
Żerriegħa tal-ġirasol	
Żerriegħa tal-kolza	
Sojja	
Żerriegħa tal-mustarda	
Żerriegħa tal-qoton	
Oħrajn	
5. Patata	0,05 (p) (*)
Patata bikrija u tal-konsum	
6. Te (te iswed proċessat mill-weraq tal-Kamelja) sinenis)	0,1 (p) (*)
7. Hops (niexef)), inklużi pellets tal-ħops u trab mhux konċentrat	0,1 (p) (*)

(*) Jindika l-limitu baxx ta' determinazzjoni analitika.
 (p) Jindika livell ta' residwu massimu provviżorju..

Artikolu 4

1. Dwar dawk il-prodotti agrikoli elenkati f'parti A ta' l-Anness II tad-Direttiva 86/32/KEE, u fl-Anness II tad-Direttiva 90/64/KEE fejn il-livelli massimi ta' residwi għall-azoxystrobin huma indikati bi "(p)", dan għandu jfisser li huma provviżorji (p) skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 4(1) (f) tad-Direttiva 91/414/KEE.

2. Erba' snin wara l-bidu fis-seħħ ta' din id-Direttiva, livelli massimi ta' residwi provviżorji għall-azoxystrobin fl-Annessi m'għandhomx jibqgħu provviżorji iżda jsiru definittivi fis-sens ta' l-Artikolu 4(1) tad-Direttivi 86/362/KEE u 86/363/KEE jew l-Artikolu 3 tad-Direttiva 90/642/KEE rispettivament.

Artikolu 5

1. 1.Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Awwissu 1999.

2. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippublikaw il-miżuri legiſlattivi, regolatorji jew amministrattivi biex iħarsu lil din id-Direttiva sal-31 ta' Jannar 2000. Għandhom mill-ewwel jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan. Dawn il-miżuri għandhom japplikaw mill-1 ta' Frar 2000.

3. Meta Stati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandu jkun hemm fihom riferenza għal din id-Direttiva jew għandu jkun hemm magħhom din ir-riferenza fil-ħin tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura dwar din ir-riferenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

Artikolu 6

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, 14 ta' Lulju 1999

Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membru tal-Kummissjoni
